


ngħid għalija, qatt ma qrajt bħalu!

Dan ir-rumanz jesprimi l-emozzjonijiet ta' mħabba mixtieqa, imħabba mċaħħda u saħansitra, imħabba misjuba – fejn kollha jseħħu f'dimensjonijiet paralleli. Madanakollu bir-reqqa li ġiet miktuba din l-istorja, kull episodju jimxi id f'id mal-ieħor. Storja intriganti mżewqa b'ħafna immaġinazzjoni li telabora, timraħ, u kapaċi anki tistimola s-senswalità f'moħħ il-qarrej. Rakkont intimu li jilħaq il-quċċata tiegħu b'mod tassew mirqum, u li jwassal għal tmiem kurjuż u sorprendenti.

Jien u naqra ma stajtx ma ninnotax il-metafori, l-idjom, l-espressjonijiet u anki t-tixbihat ħelwin li jżejnu l-kitba mexxejja ta' dan ir-rumanz, flimkien mal-kapitli qosra li jħeġġuk tkompli taqra. Barra minn hekk, jispikka wkoll l-aspett sinonimu mal-kapaċità ta' din l-awtriċi fil-mod tassew uniku u melodjuż ta' kif taf tfisser l-imħabba… fejn il-maġija u s-seħer tal-intimità jilagħbu parti importanti fil-ħsibijiet u l-emozzjonijiet... tant li jħallu lill-qarrej joħlom…

Hawnhekk, ma nistax ma nikkummentax dwar il-kawtela mirquma u preċiża li biha, Helen trattat l-element tal-intimità li jseħħ bejn il-maħbubin. Dan huwa ingredjent importanti ħafna f'kuntest romantiku bħal dan, fejn huwa bżonjuż, kruċjali u indispensabbli. Madanakollu fid-deskrizzjonijiet vividi tagħha, din l-awtriċi brava rnexxielha tpinġi t-tila kollha b'mod tassew ġentili, mingħajr ma tuża kuluri jgħajtu żżejjed u pinzellati goffi jew ħamalli. B'hekk esprimiet l-element senswali kollu b'doża ħelwa ta' erotiżmu fin, sottili, kawt u sublimi għall-aħħar, mingħajr ħjiel ta' vulgarità li jista' jbaxxi r-rumanz.

Fi ftit kliem, Borg qiegħda tippreżentalna storja ta' mħabba bellezza mfawra b'qawsalla sħiħa ta' emozzjonijiet li jien u naqraha, ħassejtha ħierġa proprju minn qalb din l-awtriċi.

Prosit tassew!

Dan ir-rumanz issibu tixtruh minn horizons malta (www.horizons.com.mt).

# Jiftħu l-applikazzjonijiet għall-Fond Malti tal-Ktieb 2023

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) fetaħ l-applikazzjonijiet għall-Fond Malti tal-Ktieb 2023. Dan il-fond, b'ammont totali ta' €120,000, għandu żewġ oqsma ta' għotjiet ewlenin li jiffinanzjaw kemm il-pubblikazzjoni, kif ukoll it-traduzzjoni ta' kotba.

Il-KNK żviluppa dan il-fond biex irawwem tkabbir kulturali fis-suq tal-ktieb lokali, bħala parti mill-viżjoni tiegħu li jieħu r-rwol ta' aġent kulturali fi ħdan is-soċjetà waqt li jikkontribwixxi b'mod proattiv lejn l-iżvilupp kulturali, edukattiv u intellettwali tas-soċjetà.

Il-KNK qiegħed jippubblika s-sejħa għall-applikazzjonijiet għad-disa' sena konsekuttiva, bil-għan li għal darb'oħra jinkuraġġixxi lill-awturi, tradutturi u pubblikaturi sabiex jidħlu għal proġetti li n-nuqqas ta' vijabbiltà kummerċjali s-soltu timpedihom milli jidħlu għalihom.

Il-Fond Malti tal-Ktieb jikkonsisti f'erba' għotjiet:

- Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Kotba Ġodda;
- Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa;
- Għotjiet għat-Traduzzjoni (maqsuma fiż-żewġ kategoriji: Traduzzjoni ta' kotba Maltin u Traduzzjoni għall-Malti); u
- Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch.

L-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Kotba Ġodda għandhom l-għan li jwieżnu l-pubblikazzjoni ta' letteratura ta' kwalità u/jew xogħlijiet ta' riċerka. Is-somma allokata hija ta' €50,000. Proġetti ambizzjużi ta' valur għoli kulturali u relevanti għas-suq lokali fil-mira tagħhom, speċjalment jekk tali proġetti għandhom nuqqas ta' vijabbiltà kummerċjali jingħataw preċedenza.

L-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa għandhom l-għan li jipprovdu pont bejn il-bżonn biex jinqraw il-kotba klassiċi ta' importanza kulturali, edukattiva u intellettwali għas-soċjetà u n-nuqqas tagħhom fil-ħwienet tal-kotba, b'għan speċifiku li tissussidja il-pubblikazzjoni ta' edizzjonijiet ġodda ta' kotba li bħalissa mhumiex fl-istampa u li ġew ippubblikati għall-aħħar darba għall-inqas 20 sena mid-data ta' ħruġ ta' dan il-Fond. Is-somma allokata għal dawn l-għotjiet hija ta' €10,000.

L-ewwel kategorija tal-Għotjiet għat-Traduzzjoni għandha l-għan li tappoġġja applikazzjonijiet għal traduzzjonijiet ta' kotba Maltin (ippubblikati bil-Malti jew bl-Ingliż b'ISBN Malti) għal kwalunkwe lingwa oħra, li għalhekk tixpruna x-xogħlijiet kreattivi u akkademiċi Maltin fis-suq internazzjonali. L-allokazzjoni għal dawn l-għotjiet hija ta' €40,000. Min-naħa l-oħra, l-għan tat-tieni kategorija huwa li tiffinanzja proġetti ta' traduzzjoni minn kwalunkwe lingwa għall-Malti, u għalhekk tappoġġja lit-tradutturi Maltin biex idaħħlu fis-suq Malti xogħlijiet ta' letteratura u riċerka. L-allokazzjoni ta' din il-kategorija hija ta' €15,000.

L-Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch għandhom l-għan li jappoġġjaw it-traduzzjonijiet ta' siltiet ta' xogħlijiet Maltin ippubblikati bil-Malti jew bl-Ingliż b'ISBN Malti għal kwalunkwe lingwa oħra; it-traduzzjonijiet ta' xogħlijiet ippubblikati fi kwalunkwe lingwa għall-Malti; it-traduzzjoni ta' xogħlijiet oriġinarjament ippubblikati fi kwalunkwe lingwa bil-ħsieb li s-silta tradotta tagħhom tintuża bħala traduzzjoni pont bl-Ingliż. L-allokazzjoni għal dawn l-għotjiet hija ta' €5,000. L-applikanti jridu jiżguraw li d-detentur tad-drittijiet tal-awtur ikun identifikat fl-applikazzjoni, liema identifikazzjoni tinkludi l-pitch innifisha. L-applikazzjoni trid tinkludi wkoll ittra ta' qbil mill-awtur tat-test jew id-detentur tad-drittijiet tat-test li qed jiġi tradott.

L-għotjiet kollha fi ħdan dan il-Fond isegwu l-proviżjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Ekonomiċi tal-Kittieba. Il-fondi jintrebħu mill-applikanti li jgħaddu minn proċess kompetittiv ta' aġġudikazzjoni, li għalih se jinħatar speċifikament bord li se jevalwa kull proġett biex jassigura l-valur ta' kull proġett u l-finanzjament meħtieġ tiegħu.

L-applikanti interessati huma mħeġġa jaqraw il-Linji Gwida u r-Regolamenti ta' kull għotja b'reqqa sabiex jiksbu t-tagħrif meħtieġ rigward eliġibbiltà u l-proċess ta' evalwazzjoni. Kull applikazzjoni li tikseb suċċess tista' tirċievi finanzjament ta' 100% tal-ispejjeż tal-proġett, b'massimu ta' €5,000 għal kull għotja, b'eċċezzjoni għall-Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch li għandha massimu ta' €500.

Il-Linji Gwida u r-Regolamenti, flimkien mal-formola tal-applikazzjoni u informazzjoni relevanti oħra jistgħu jiġu aċċessati u mniżżla mis-sit tal-Fond Malti tal-Ktieb.

L-ordni tal-klassifikazzjoni tal-applikazzjonijiet sottomessi tiġi ppubblikata fi żmien sitt ġimgħat minn meta jagħlqu l-applikazzjonijiet.

Id-data ta' skadenza għal dan il-Fond hija nhar it-Tnejn, 5 ta' Ġunju f'nofsinhar.